*Mario Micallef jikteb f'għeluq il-85 sena mill-bidu tal-Parrokat ta'*

# DUN PAWL AZZOPARDI (1874-1932)

Imwieled Ħad-Dingli nhar it-Tnejn 12 ta' Ottubru 1874, Dun Pawl Azzopardi kien wild Francis u Rosa Abela.

Meta laħaq saċerdot, hu kien ġie mibgħut f'raħal twelidu, bil-għan li jkun ta' għajnuna għall-Kappillan ta' dak iż–żmien – Dun Vinċenz Curmi.

Bħala Viċi tal-Kappillan Curmi, Dun Pawl Azzopardi ħadem bis-sħiħ mal-bennejja u ma' ħaddiema oħra fil-bini tal-Knisja Parrokkjali li ġiet inawgurata fl-1908. Irid jingħad li għalkemm ix-xogħol tal-bini fil-parti interna tal-Knisja kien lest, u b'hekk setgħu jsiru l-funzjonijiet reliġjużi, kien għad fadal ħafna xogħol x'isir fil-parti esterna.

Intant fl-1913, Dun Pawl Azzopardi nħatar bħala Kappillan tal-Parroċċa ta' Ħad-Dingli. Hu kien determinat li jlesti x-xogħol ta' kostruzzjoni li kien għad fadal fil-faċċata tal-Knisja. Fil-fatt dan ix-xogħol, li tlesta ftit snin qabel ma miet, kien jikkonsisti prinċipalment fil-bini ta' kampnar ieħor ma' dak diġà eżistenti u xogħol ta' lavur u rtokki oħra, biex finalment id-Dinglin setgħu igawdu 'l dan il-post qaddis dedikat lill-Assunta. Għalkemm f'dan iż–żmien in-nies tar-raħal kienu fqar ħafna u b'konsegwenza t'hekk il-Kappillan Azzopardi ma setax iwettaq dak kollu li xtaq, hu xorta waħda għamel ħafna xogħlijiet utli bħall-bini tad-Domus, il-ħolqien ta' soċjetà għażżgħażagħ u t-twaqqif ta' orkestra u teatrin. Bħala wild l-istess raħal, Dun Pawl kellu ħafna għal qalbu l-festa titulari f'ġieħ Ommna Marija Mtellgħa s-Sema. Bil-għan li jsebbaħ l-armar fil-Knisja għall-jiem tal-festa, fiż–żmien meta hu kien Kappillan ġie meħjut id-damask u ġie maħdum it-tużell u l-ventartal għall-artal maġġur; tliet opri li għadhom jintramaw sal-lum il-ġurnata. Irid jingħad ukoll li hu kien jagħti kontribut siewi fil-ħdim tan-nar għall-festa.

Bosta anzjani jiftakru lil Dun Pawl Azzopardi bħala saċerdot ta' karattru tajjeb, iħobb lil kulħadd u dejjem attent li jaqdi d-doveri tiegħu. Wara li serva l-Parroċċa ta' Ħad-Dingli, l-ewwel bħala saċerdot u aktar tard bħala Kappillan għal dsatax-il sena sħaħ, huwa miet nhar it-Tlieta, 23 ta' Awissu 1932, f'età relattivament żgħira. Huwa ġie midfun f'nofs il-korsija tal-Knisja Parrokkjali.

Id-Dinglin baqgħu dejjem grati ħafna għax-xogħol siewi li dan is-saċerdot wettaq, b'mod partikolari meta kien jokkupa l-kariga ta' Kappillan, jiġifieri bejn l-1913 u l-1932. Dan is-sens ta' apprezzament intwera wkoll wara mewtu, billi saret lapida fuq barra tan-navata tal-lemin tal-Knisja Parrokkjali biex tfakkar il-ħidma indimentikabbli ta' dan il-Kappillan. Fl-aħħarnett tajjeb ngħidu li Dun Pawl Azzopardi kien l-aħħar Kappillan minn Ħad-Dingli li okkupa din il-kariga f'raħal twelidu stess.


**Referenzi:**

1. Arkivju Parrokkjali Ħad-Dingli; Reġistru tal-Magħmudijiet, Vol. VI, f. 205.
2. Arkivju Parrokkjali Ħad-Dingli; Reġistru tal-Mejtin, Vol. V, p. 140.
3. *Ħad-Dingli: 300 sena Parroċċa (1678-1978)*, p. 33.